MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 1447/1991/1

**Angelo Montebello u Carmen Montebello ghan-nom u in rapprezentanza ta' A. Montebello Tyres Limited**

**v.**

**Lawrence Ciantar bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza ta' Enemalta Corporation u b'nota tal-20 ta' April 1993 Anthony Ventura assuma l-atti tal-kawza minflok Lawrence Ciantar.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan huwa appell minn zewg sentenzi, wahda moghtija mill-allura Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Lulju, 1992 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Korporazzjoni konvenuta li l-azzjoni attrici kienet perenta bid-dekors tal-perjodu preskrittiv a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. B'din is-sentenza l-istess Korporazzjoni konvenuta giet kundannata thallas l-ispejjes ta' dan l-incident. It-tieni sentenza li tikkoncerna l-meritu u li minnha wkoll qed isir appell, giet moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2002 meta gie ritenut li l-Korporazzjoni konvenuta ghandha tinzamm responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u ghad-danni konsegwenzjali, liema danni gew likwidati fis-somma komplessiva ta' erbgha u ghoxrin elf u seba' liri maltin u tlettin centezimu (LM24,007.30). Il-Korporazzjoni konvenuta giet kkundannat thallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta` attrici bl-imghax legali mid-data tas-sentenza kif ukoll giet kundannat thallas l-ispejjes tal-kawza.

L-azzjoni attrici giet intavolata permezz ta' citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Dicembru, 1991 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc fejn l-atturi nomine ppremettew li huma kienu jezercitaw il-kummerc fil-fond numru tlettax Misrah Bir-id-Deheb, Zejtun, fejn kienu jzommu kwantita` kbira ta' tyres tal-karozzi; illi fl-istess proprjeta` l-atturi nomine kelhom servizz tal-elettriku provdut mill-konvenut nomine; illi l-istess konvenut nomine, skond il-kuntratt bejn il-partijiet, kellu l-obbligu li jimmantjeni kontinwament l-imsemmi servizz ta' dawl elettriku fi stat tajjeb u jassigura illi l-istess servizz jiffunzjona b'mod normali u ma jipperikolax f'ebda hin u f'ebda zmien il-proprjeta` ta' l-atturi nomine; illi l-konvenut nomine naqas mill-obbligi tieghu, skond il-kuntratt, u ma ghamilx l-ispezzjonijiet u manutenzjoni necessarja fil-cable u fl-apparat l-iehor li bih kien jipprovdi l-imsemmi servizz lill-atturi nomine, u anqas ha l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jevita illi f'kaz ta' "short circuit" dan jibqa' jippersisti ghal tul ta' zmien, bil-konsegwenza illi jikkawza hruq fil-fond fejn jigri; illi fil-15 ta' Dicembru, 1986, il-garage maghruf bhala "Montebello

Tyres Services" f'numru tlettax Bir-id-Deheb Place, Zejtun, garrab hruq estensiv li fih giet distrutta kompletament il-merkanzija li kien hemm u saret hsara kemm fil-bini tal-imsemmi garage kif ukoll fil-bini tal-fond sovrastanti; illi rrizulta mill-inkjesta Magisterjali (Dokument A) u mir-Rapport tal-Pulizija (Dokument B) illi l-kawza tal-hruq kien "short circuit" fil-cable tas-servizz elettriku provdut mill-konvenut nomine, li ghalhekk, billi naqas mill-obbligi tieghu kontrattwali li jzomm l-imsemmi cable u apparat iehor kontinwament fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, huwa responsabbli ghall-imsemmi hruq u ghad-danni konsegwenzjali; illi l-istess konvenut nomine interpellat, anke ufficjalment, biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqa' inadempjenti; dan premess l-atturi nomine talbu li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli ex contractu ghall-incident ta' hruq li gara fil-15 ta' Dicembru 1986 fil-fond Montebello Tyres Services f'numru tlettax Misrah Bir-id-Deheb, Zejtun, proprjeta` ta' A. Montebello Tyres Limited u ghad-danni kollha konsegwenzjali;
2. tillikwida l-imsemmija danni, anke permezz ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-atturi nomine is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-interessi u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Dicembru 1991, kontra l-konvenut nomine, ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fil-31 ta' Jannar, 1992 il-konvenut nomine eccepixxa illi preliminarjament it-talba attrici kienet preskritta waqt li fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-istess talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma kien bl-ebda mod responsabbli ghad-danni li dwarhom kienu qed jilmentaw l-atturi nomine.

**Is-sentenzi appellati:**

**Dwar il-preskrizzjoni:**

B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Lulju, 1992 l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-

Korporazzjoni konvenuta giet michuda, u dana wara li dik il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
"Ikkunsidrat li meta wiehed jaqra u jezamina l-korp tac-citazzjoni jsib illi l-attur nomine qed isejjes l-azzjoni tieghu fuq nuqqasijiet kontrattwali attribwibbli lill-konvenut nomine minhabba sensiela ta' mankanzi f'dak li huwa sejjah obbligi kontrattwali u per konsegwenza ta' liema jghid u jallega allura l-attur nomine, illi huwa sofra danni. Mela l-attur nomine, qieghed jimposta kjarament l-azzjoni tieghu ex contractu naxxenti mill-obbligi tal-ftehim kontrattwali. Il-konvenut nomine mhux qed jichad li kien hemm kuntratt izda jsostni li l-azzjoni attrici hija purament wahda ta' hlas ta' danni u m'ghandiex x'taqsam mal-obbligi kontrattwali.

"Il-Qorti, biex tasal ghad-deliberazjoni taghha necessarjament trid tigi iggwidata mill-premessi u talbiet tac-citazzjoni. M'ghandux ikun hemm dubju li dawn precipwament huma ppernjati fuq nuqqasijiet u mankanzi ta' obbligi kontrattwali li, a loro volta, waslu ghal danni. F'kazi simili l-preskirzzjoni applikabbli hija wahda magguri ghax hija dik kwinkwennali u ghaldaqstant l-eccezzjoni preliminari qeghda tigi respinta a spejjes tal-konvenut nomine ghax mhijiex legalment fondata."

Fl-istess sentenza imsemmija l-allura Qorti tal-Kummerc ikkunsidrat ukoll sottomissjoni maghmula mill-Korporazzjoni konvenuta fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha fejn gie rilevat li a tenur ta' l-Artikolu 14(2) tal-Att Nru XVI tal-1977 l-istess Korporazzjoni kienet "ex lege" ezenti minn kull responsabbilita`. Izda, billi li stadju tal-provi kien ghadu ma bediex, korrettament, fil-fehma ta' din il-Qorti, dik il-Qorti astjeniet li tippronunzja ruhha in definittiva dwarha, billi wkoll iddikjarat tali asserzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta bhala wahda prematura u ghalhekk irrizervat il-gudizzju taghha "*wara li jkunu gew konkjuzi l-provi.*"

**Dwar il-mertu.**

Fit-2 ta' Ottubru, 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, ppronunzjat ruhha fuq it-talbiet attrici billi cahdet it-tieni

eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta u, wara li ddikjarat lill-istess Korporazzjoni responsabbli ghall-akkadut, ghaddiet biex tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici u kkundannat lill-Korporazzjoni thallas lill-istess, in linea ta' danni, s-somma ta' LM24,007.30 bl-imghax legali mid-data tas-sentenza u thallas ukoll l-ispejjes tal-kawza, u b'rizerva ghas-socjeta` attrici ghal kull ammont dovut minnha ghad-danni kagunati fil-fond sovrastanti numru 2, Tal-Barrani Road, Bir-id-Deheb; u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"M'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li kmieni filghodu tal-15 ta' Dicembru 1986, il-garaxx tas-socjeta` attrici maghruf bhala "Montebello Tyre Services" u li jinsab f'numru tlettax (13), Bir-id-Deheb Place, Zejtun, garrab hruq estensiv li kkaguna hsarat kbar strutturali fl-istess garaxx u fil-fond sovrastanti kif ukoll id-distruzzjoni tal-merkanzija u makkinarju li kien hemm fl-istess garaxx.

"Dwar dan il-hruq saret inkjesta magisterjali u r-rizultanzi wrew li l-hruq kien kawzat minn *short circuit* fil-*cable* li jiehu mis-*service box* sal-linja ta' barra. Lanqas dan ma qieghed jigi kontestat.

"Il-kontestazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta, kif spjegat fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, hi fis-sens li dak li seta' ta lok ghax-*short circuit* huwa kopert mill-paragrafu (c) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att XVI ta' l-1977 dwar il-Korporazzjoni Enemalta li jezenta lill-istess Korporazzjoni f'kaz ta' "*unavoidable accident*" u anke f'kaz ta' "*fair wear and tear*". Inoltre tghid li r-rizultanzi fil-kawza lanqas ma jiggustifikaw is-sejbien ta' responsabbilita` skond il-ligi civili.

"Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jghid:

"*"25. Il-konkluzzjonijiet raggunti fil-'process verbal' (u li ghalihom ma kien hemm ebda oppozizzjoni mill-Enemalta) jikkostitwixxu <u>prova prima facie</u>, prova naturalment ribnattibbli (recte: ribattibbli). Izda wiehed jinnota li fil-kawza odjerna l-konvenut nomine mank tharrek biex jirribatti l-konkluzzjonijiet raggunti fl-inkjesta, jew b'xi mod jaghti spjegazzjoni ghall-kostatazzjonijiet*

*maghmula u verbalizzati. Naturalment dan l-agir ma jammontax ghall-ammissjoni. Ammissjoni trid tkun espressament hekk, izda hu l-kaz li tghid li l-atturi nomine ppruvaw il-kaz taghhom. L-esponent ighid dan kollu in bazi ta' l-operat ta' Oliver Scicluna u l-bqija tal-provi, anke fil-kwadru ta' nuqqas ta' spjegazzjonijiet li kien jispetta lil Enemalta li taghmel. Dan kollu skond kif mitlub mid-dritt probatorju in sede civili*.

"*"26. Jirrizulta ghalhekk li n-nar 'twassal' sal-proprjeta` tal-atturi nomine minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-konvenut nomine u ghalhekk huwa ghandu jwiegeb ghad-danni sofferti mill-atturi nomine.*"

"Il-fatt hu li filwaqt li l-Korporazzjoni Enemalta tippretendi li dak li gara kien ir-rizultat ta' *unavoidable accident* jew ta' *fair wear and tear*, il-provi ma jaghtu l-ebda indikazzjoni ta' dan.

"L-ewwelnett mix-xiehda stess ta' Carmel Bonnici, *works manager* mal-Korporazzjoni konvenuta, ma jirrizultax x'mizuri ttiehdu, jekk ittiehdu, biex jigi stabbilit kif kien sehh ix-*short circuit*. Difatti l-istess xhud, mistoqsi jekk l-Enemalta taghmilx xi investigazzjoni f'kaz simili, qal li d-Distrett zgur ma jidholx, u x'jaghmel il-Head Office ma jafx. Huwa qal li dakinhar tal-incident ircieva telefonata biex jiskonnettjaw is-*supply* ta' Montebello Tyres ghax kien qabad u baghat minnufih in-nies biex jiskonnettjaw dan is-servizz. Sabu li kienu anke taru xi *fuses* fis-*substation* li jinsab xi 150 metru boghod. Meta wiehed jikkunsidra s-serjeta` ta' l-incident mertu ta' din il-kawza, wiehed kien jistenna li l-Korporazzjoni konvenuta taghmel l-almu taghha biex tinvestiga x'seta' wassal ghax-*short circuit* imsemmi. U ghalkemm l-atturi nomine jghidu fin-nota taghhom li l-*fuses* fis-*substation* taru minhabba l-istess incident, il-Qorti ma thobb tassumi xejn u tosserva li lanqas dan ma gie spjegat minn Carmel Bonnici fix-xiehda tieghu.

"Kif rilevat mill-atturi nomine fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, il-Korporazzjoni konvenuta qed tibbaza l-argumenti taghha fuq il-fatt li l-perit tekniku li kien gie

nominat mill-magistrat inkwerenti, qal fir-relazzjoni tieghu li kif u x'hin sar ix-*short circuit* mhux maghruf izda li wisq probabbli dan gara permezz ta' qarsa fil-cable li setghet grat zmien ilu.

"Il-Qorti tirreferi ghar-relazzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku, Oliver T. Scicluna li ddetermina li l-hruq ma setax sar b'*short circuit* fl-istallazzjoni li tinsab wara s-sistema elettrika mitmugha mill-*main switch fuse*. Huwa mbaghad spjega:

"*"Madankollu il-cable tat-3-phase u neutral li hu cable b'erba' wires go fih u mgezwer bil-plastic (P.V.C. Sheated) li gej mill-linji ta' l-elettriku ta' barra triq (overhead lines) instab bl-erba' wires tieghu imdewbin flimkien u r-ram taghhom imdewweb u sar forma ta' bocca fit-trufijiet. Tnejn minnhom instabu ghadhom imwahhlin flimkien, sinjal car ta' short-circuit.*

"*"Peress li dan il-cable ma ghandu l-ebda xorta ta' protezzjoni la ta' fuses u lanqas ta' xi apparat iehor, short circuit fih jibda jippersisti u jista' jikkaguna konsegwenzi disastruzi li r-rizultat taghhom huma suffarelli (sparks) qawwija u hruq. Dan huwa konsegwenza tas-shana kbira li tigi kreata fil-wires li wara jsiru homor nar u jekk hdejn dan il-cable jkun hemm materjal kombustibbli, dan malajr jaqbad.*

"*"Il-posizzjoni ta' fejn sar dan ix-short circuit kienet ezatt taht fejn kien hemm is-service box u qieghed jigi indikat b'* ***X*** *hamra fuq il-pjanta Nru. 1 u r-ritratt Nru. 2, annessi. Dan hu wkoll il-post l-aktar li garrab shana u hruq qawwi li sahansitra haraq il-gebel tal-hitan f'din ir-rokna bhalma jidher tajjeb f'dan ir-ritratt anness….*

"*"Kif u x'hin sar dan ix-short circuit m'huwiex maghruf. Hemm diversi kawzi li jistghu jikkagunaw dan id-difett. Wisq probabbli li dan gara permess ta' qarsa fil-cable li setghet grat zmien ilu w minhabba l-umdita` tal-ambjent u x-xita kontinwa li ghamlet f'dan il-perjodu, ghenet mhux ftit li twaqqa s-sahha tal-insulazzjoni (insulation) li zzomm il-kondutturi tal-cable li ma jmissux ma xulxin. Din l-*

*<u>insulazzjoni ta’ bejn wire u iehor ma hiex iktar minn millimetru u ghalhekk b’semplici ghafsa qawwija, bhal meta jaqa’ xi haga pizanti fuq il-cable jew sikkar zejjed tal-istess clip li zzomm il-cable mal-hajt, huma sufficjenti li jikkagunaw dan id-difett, u jista’ jirrizulta, anki wara perjodu ta’ zmien f’xi short circuit.</u>*

“*“<u>Bhalma diga ghedt, short circuit f’dan il-cable, jigifieri mis-service box sal-linja ta’ barra, jibqa’ jippersisti ghax ma hemmx ebda protezzjoni ta’ fuses, etc.</u> Il-kondutturi tar-ram ahmar ta’ dan il-cable li ghandhom il-qies ta’ erba’ millimetri kwadri (4mm2) meta jsir short circuit fihom, it-temperatura taghhom tibqa’ zzid, bil-kurrent qawwi li jiggenera fihom, sakemm l-ewwel jinhall l-insulation tieghu u mbaghad tkompli tiela u tiskorri l-elf u mitt grad celsius (1100grad celsius). B’din it-temperatura idub ir-ram u wara titjir qawwi ta’ suffarelli (sparks) jinqata l-wire u l-kurrent elettriku fil-parti tal-cable vicin is-service box.*

“*“Il-parti l-ohra tal-cable tibqa’ ttajjar u tarmi suffarelli li ghandhom il-qawwa li jikkagunaw hruq kull fejn jolqtu faccata taghhom …… Dan jiqba’ jsir barra jew il-wires ta’ dan il-cable idubu hdejn dawn il-linji (overhead lines) li huma hoxnin hafna biex ix-short circuit jaffetwawhom ….”*

“*“Barra minn dan ir-relatant fl-istharrig tieghu rnexxielu wkoll jeleva parti minn dan il-cable li l-insulation tieghu ma nharqitx ghal kollox. <u>Din il-parti turi car li l-hruq fl-insulation sar minn naha ta’ gewwa tal-cable, jigifieri mill-kondutturi tal-wires u l-parti ta’ barra tal-cable ma lahqetx inharqet.”</u>*

“*In civilibus* il-prova trid issir fuq bilanc ta’ probabilita`. Fil-fehma tal-Qorti, fid-dawl tar-relazzjoni ta’ Oliver T. Scicluna, il-prova li, kif jippremettu l-atturi nomine fir-relazzjoni (sic) taghhom, il-Korporazzjoni konvenuta naqset milli tiehu l-prekawzjonijiet necessarji biex jigi evitat l-incident in kwistjoni, saret debitament. Il-Qorti ssottolinejat dawk il-partijiet ta’ din ir-relazzjoni li fil-fehma taghha jenfasizzaw in-nuqqasijiet tal-Korporazzjoni konvenuta. Din r-relazzjoni difatti turi, kif del resto anke ssottomettew l-atturi nomine fir-relazzjoni (sic) taghhom, li

mhux biss il-hruq gara fil-cable tal-provvista appartenenti lill-korporazzjoni konvenuta, izda anke li dan il-hruq wisq probabbli gara minhabba difett fl-istess cable li seta` gie kkawzat minn sikkar zejjed ta' clip li twahhal il-cable mal-hajt. Inoltre n-nuqqas ta' protezzjoni tal-cable minn xi fuses jew apparat iehor biex jipprevjenu li *short circuit* jibqa' jippersisti ghandu wkoll jitqies bhala nuqqas tal-Korporazzjoni konvenuta.

"Ghaldaqstant l-istess Korporazzjoni ghandha tinzamm responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali li l-Qorti se tghaddi biex tillikwida."

Wara li ddisponiet mill-ewwel talba attrici l-Qorti ta' Prim Istanza ghaddiet biex tillikwida d-danni sofferti mill-atturi. F'dan ir-rigward ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"B'konsegwenza tal-hruq mhux biss saru hsarat strutturali izda gew distrutti diversi oggetti mobili. Dwar l-oggetti mobili l-perit legali kkonkluda li l-valur ta' LM17,860 huwa floku. Difatti jirrizulta li fl-inkjesta magisterjali kien gie nominat ukoll Alfred Camenzuli li elenka l-oggetti mobili kollha li gew distrutti u indika l-imsemmi valur taghhom ta' LM17,860. Dan il-valur gie accettat fil-process verbal relattiv. Il-Qorti ghalhekk issib li dan l-ammont ta' **LM17,860** huwa gustifikat.

"Dwar il-hsara strutturali, il-Qorti nnominat lill-A.I.C. Albert Borg Costanzi sabiex jirrelata dwar il-valur attwali tax-xoghol mehtieg ghar-ripristinar tal-bini.

"Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku ddistingwa bejn xoghol mehtieg ghar-ripristinar tal-fond ta' l-atturi nomine u dak tal-fond sovrastanti. In kwantu jirrigwarda l-fond 13, Bir id-Deheb Place, Bir id-Deheb, cioe` l-fond ta' l-atturi nomine, il-valur tax-xogholijiet huwa ta' LM5,427.95. In kwantu jirrigwarda l-fond sovrastanti 2, tal-Barrani Road, Bir id-Deheb, il-valur huwa ta' LM4,718.74. Ma' dawn huwa zied LM300 biex jaghmlu tajjeb ghal xi hsara lill-girien u LM1,044.66 ghall-kontingenzi. Din il-kawza tirrigwarda l-proprjeta` ta' l-atturi nomine u ghalhekk ghall-finijiet taghha se tigi kkunsidrata s-somma mehtiega ghar-ripristinar tal-fond 13, Bir id-Deheb Place, Bir id-Deheb,

cioe` s-somma ta’ LM5,427.95. Maghha jridu jizdiedu parti mis-somom l-ohra ffissati mill-perit tekniku ghal xi hsara lill-girien u ghal kontingenzi, rispettivament LM160.50 u LM558.85. It-total mela huwa ta’ **LM6,147.30.**

“Konsegwentement id-danni kollha li ghandhom jithallsu lill-atturi nomine ghad-danni minnhom sofferti jammontaw ghal **LM24,007.30,** u dana minghajr pregudizzju ghas-somma ta’ LM3,344.05 (LM4,718.74 + LM139.50 + LM485.81) dovuta ghar-ripristinar tal-fond sovrastanti, proprjeta` ta’ terzi.”

**L-appell tal-Korporazzjoni konvenuta.**

B’rikorsipprezentat fit-22 ta’ Ottubru, 2002 il-Korporazzjoni konvenuta appellat kemm mis-sentenza preliminari moghtija fit-8 ta’ Lulju, 1992, fejn intalab li dik is-sentenza tigi revokata u mhassra billi tigi milqugha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnha u li konsegwentement tichad it-talbiet attrici; kif ukoll, b’mod sussidjarju u bla pregudizzju ghat-talba tar-revoka tas-sentenza tat-8 ta' Lulju, 1992, mis-sentenza moghtija fit-2 ta’ Ottubru, 2002 billi jigu milqugha l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-Korporazzjoni konvenuta u konsegwentement jigu michuda t-talbiet attrici, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

Is-socjeta` attrici appellata intavolat ir-risposta taghha fl-1 ta’ Novembru, 2002 fejn gie sottomess li s-sentenzi appellati huma ekwi w gusti u li jimmeritaw li jigu konfermati u li, anke ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta u dawk li jinsabu fil-process, l-aggravji mressqa mill-Korporazzjoni appellanti kellhom jigu skartati u l-appell michud, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess Korporazzjoni appellanti.

**Ikkunsidrat:**

Dwar is-sentenza tat-8 ta’ Lulju, 1992 l-oggezzjoni tal-Korporazzjoni appellanti hija fis-sens li meta l-ewwel Qorti waslet biex tichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata minnha, dik il-Qorti ma ezaminatx “*jekk id-danni risultanti*

*jiskattawx legalment 'ex contractu' jew xort' ohra*". Dan l-ezami, skond il-Korporazzjoni appellanti, kien mehtieg biex jigi determinat jekk il-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 u cioe` dik ta' sentejn ghall-azzjoni ghal hlas ta' danni mhux ikkagunati b'reat, kienitx applikabbli ghal kaz. Dan naturalment qed jigi sottomess, dejjem skond il-Korporazzjoni appellanti, billi "*r-ragunijiet …… li wasslu ghad-danni lamentati mis-socjeta` attrici ma setghux hlief igibu maghhom il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kif previst fl-artikolu 2153 precitat.*"

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti esprimiet ruhha bil-mod segwenti:
"Ikkunsidrat li meta wiehed jaqra u jezamina l-korp tac-citazzjoni jsib illi l-attur nomine qed isejjes l-azzjoni tieghu fuq nuqqasijiet kontrattwali attribwibbli lill-konvenut nomine minhabba sensiela ta' mankanzi f'dak li huwa sejjah obbligi kontrattwali u per konsegwenza ta' liema jghid u jallega allura l-attur nomine, illi huwa sofra danni. Mela l-attur nomine, qieghed jimposta kjarament l-azzjoni tieghu ex contractu naxxenti mill-obbligi tal-ftehim kontrattwali. Il-konvenut nomine mhux qed jichad li kien hemm kuntratt izda jsostni li l-azzjoni attrici hija purament wahda ta' hlas ta' danni u m'ghandhiex x'taqsam mal-obbligi kontrattwali."

Dan l-aggravju mhux gustifikat billi fil-konsiderazzjonijiet li ghandha taghmel il-Qorti meta tigi eccepita preskrizzjoni trid ta' bilfors tiehu in konsiderazzjoni n-natura ta' l-azzjoni promossa. F'dan ir-rigward fis-sentenza tal-24 ta' Marzu, 1958 moghtija minn din il-Qorti, kif dak inhar komposta, fil-kawza ***Joseph Borg vs Nobbli Maria Testaferrata Bonici*** jinghad hekk "*ghall-finijiet ta' din l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta* (u cioe` dik ta' preskrizzjoni) *… wiehed ghandu jhares biex jiddecidi liema hija l-preskrizzjoni applikabbli, lejn id-domanda kif dedotta fic-citazzjoni."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti ma hemmx dubbju li l-azzjoni attrici hija ippernjata fuq obbligazzjonijiet ta' natura kuntrattwali u ghalhekk, apparti jekk t-talba, kif proposta,

kellhiex fondament jew le, l-eccezzjoni sollevata mill-Korporazzjoni konvenuta, qatt ma setghet tigi kunsidrata bhala wahda valida.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell mis-sentenza tat-8 ta' Lulju, 1992 ser jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-appell mis-sentenza tat-2 ta' Ottubru, 2002 u cioe` fejn gie deciz l-mertu proprju tal-kawza, jidher li l-aggravju tal-Korporazzjoni konvenuta huwa fis-sens li biex l-ewwel Qorti waslet ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita` tal-Korporazzjoni appellanti u konsegwenti kundanna hlas tad-danni, dik il-Qorti ma applikatx korrettament il-kriterju tal-prova f'bilanc ta' probabilita` "in civilibus".

Jidher li l-oggezzjoni tal-Korporazzjoni appellanti hija indirizzata lejn il-fatt li l-ewwel Qorti abbraccjat il-konkluzzjoni tal-perit legali li sab li "*prima facie*" kien hemm responsabbilita` da parti tal-Korporazzjoni u dan billi, kif qed jigi sottomess fir-rikors ta' appell "*sew jekk kellha tittiehed il-perspettiva ta' danni 'ex delicto' kif ukoll ta' danni 'ex contractu' ……. tali prova ghandha tkun dejjem wahda cara.*" Infatti qed jigi sottomess li minn imkien ma jirrizulta li l- "*Korporazzjoni kienet f'posizzjoni li tiehu xi forma ta' prekawzjoni specifikatament kontra <u>l-ipotesi unika ta' qarsa fil-cable</u> li giet prospettata, u li dan m'ghamiltux*."

B'risposta s-socjeta` attrici appellata qed issostni li "*il-provi prodotti f'din il-kawza, fir-rigward tar-responsabilita` tal-Korporazzjoni konvenuta appellanti, ghall-event dannuz u danni konsegwenzjali sofferti mill-esponenti, huma sufficjenti biex jistabilixxu sal-grad li trid il-ligi, ir-responsabilta` shiha tal-Korporazzjoni appellata.*"

**Ikkunsidrat:**

Mhux kontestat li s-servizz tal-eletriku ghall-hanut tas-socjeta` attrici gie istallat mill-Korporazzjoni konvenuta u li fid-data indikata fic-citazzjoni sehh incident kagunat minn

'*short circuit*' f'dan l-impjant li wassal ghal hruq fil-proprjeta` tas-socjeta` attrici b'danni konsiderevoli sew fl-istess proprjeta` kif ukoll fil-merkanzija u ingenji li kienu jinsabu gewwa fiha.

Il-Korporazzjoni konvenuta qed tirribatti t-talbiet attrici billi ssostni li hija bl-ebda mod ma hija responsabbli ghad-danni li dwarhom qed jilmentaw l-atturi u dana principalment a tenur ta' dak li jipprovdi il-paragrafu (c) tas-subartikolu 2 ta' l-Artikolu 14 tal-Att dwar l-EneMalta (Kap 272 tal-Ligijiet ta' Malta). F'dan il-provvediment jinghad hekk "Enemalta shall not be liable for any damage to person or property ….. which may be due to unavoidable accident, fair wear and tear …." Id-difiza tal-Korporazzjoni appellanti ghalhekk dejjem kienet fis-sens li dak li gara kien effett ta' accident u li kien jispetta lis-socjeta` attrici tipprova l-kuntrarju (ara n-nota ta' l-imsemmija Korporazzjoni a fol. 182 et seq., u specjalment a fol. 185 fejn hemm referenza ghall-imsemmi Artikolu 14(2)(c)).

Issa kif sewwa gie osservat mil-perit legali fir-rapport tieghu presentat quddiem l-ewwel Qorti, "*l-konkluzzjonijiet raggunti fil-'proces verbal' (u li ghalihom ma kien hemm ebda oppozizzjoni mill-EneMalta) jikkostitwixxu prova prima facie …*" (fol. 150). Din il-prova in effetti kienet ibbazata fuq dak li kien issottometta l-espert tekniku Oliver Scicluna waqt l-inkjesta meta; il-Magistrat inkwirenti, wara li ghamel rassenja ta' dak li instab fuq il-post, ikkonkluda li "Minn dan kollu ghalhekk jirrizulta illi l-hruq u n-nirien in kwistjoni gew kawzati minn short circuit fil-cable li jiehu mis-service box sal-linja ta' barra kif ikkonkluda l-espert tekniku Oliver T. Scicluna." (ara fol. 12).

Ghalhekk la darba gie konstatat il-hruq u giet stabbilita l-kawza tieghu, kien jispetta lill-Korporazzjoni konvenuta li taghti prova li tali hruq u konsegwenti danni kienu rizultat ta' "*unavoidable accident*" jew "*fair wear and tear*" biex b'hekk jidhol ukoll in effett il-principju enuncjat fl-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili u l-hsara jbatiha dak illi fuq il-persuna jew beni tieghu tigri l-istess hsara. Il-Korporazzjoni konvenuta ma setghetx tippretendi li s-socjeta` attrici

danneggata taghti prova li dak li gara ma kienx rizultat ta' xi accident, izda, stabilita l-kawza tal-hruq, kien jinkombi fuq il-istess Korporazzjoni, gialadarba l-hruq gie kawzat mill-impjant taghha, li hija taghti prova li ma kellha ebda htija ghall-akkadut sia "ex delicto" u sia "ex contractu". Haga li mhux biss ma ghamlitx izda lanqas ittantat li taghmel.

Din il-Qorti konsegwentement tikkondividi l-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel Qorti u tidikjara l-aggravju sollevat bhala mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appelli interposti mill-Korporazzjoni konvenuta mis-sentenzi fuq imsemmija qed jigu michuda u l-istess sentenzi konfermati fl-intier taghhom, bl-ispejjes kollha kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------